# DUN MIKIEL ATTARD F'TA' PINU

Nhar it-Tnejn 8 t'Awwissu, 2022, saret l-eżumazzjoni tal-fdalijiet ta' Dun Mikiel Attard. Ix-xogħol ta' tindif u konservazzjoni tal-fdalijiet sar fuq medda ta' tlett ijiem fil-kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta. Ix-xogħol kollu sar minn madwar 13-il persuna u fost dawn kien hemm membri mid-Dipartiment tal-Forensika tal-Pulizija ta' Malta.

Nhar l-Erbgħa 10 t'Awwissu l-fdalijiet ittieħdu b'kortew funebri minn membri tal-Korp tal-Pulizija, lejn is-Santwarju ta' Pinu. Il-fdalijiet ta' Dun Mikiel tpoġġew f'qabar ġdid li kien proġettat u maħdum minn Dun Roberto Gauci.

Din il-ħidma kollha daret f'forma privata, skont il-protokoll tas-Santa Sede. Kien għalhekk li l-Komunità Nisranija ma setgħetx tkun mistiedna biex tieħu sehem f'dan l-istadju tal-proċess.




Nirringrazzjaw lil Alla li tana lil Dun Mikiel li sal-lum għadu jispira u jgħin lil bosta bil-ħajja qaddisa tiegħu.

***L-Arċipriet***

**L-immunità fil-pjanti**
L-immunità naturali li tinħoloq mill-pjanta stess fil-ħajja veġitattiva hija 10 darbiet iktar effikaċi mill-umanità kimika li tinħoloq meta l-bidwi juża mediċina artifiċjali.

**ĦINIJIET TAD-DUTTRINA**

**M.U.S.E.U.M. Subien:**
Year 1, 3 u 5: It-Tnejn u l-Ħamis mis-6:00pm sas-6:30pm
Year 2, 4 u 6: It-Tlieta u l-Ġimgħa mis-6:00pm sas-6:30pm
Forms 1-5: It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa mis-7:00pm sas-7:30pm

**M.U.S.E.U.M. Bniet:**
Year 1: It-Tlieta mill-4:30pm sal-5:05pm
Year 2: It-Tnejn mill-4:30pm sal-5:05pm
Year 3: It-Tnejn u l-Ħamis mill-4:30pm sal-5:05pm
Year 4: It-Tlieta u l-Ġimgħa mill-4:30pm sal-5:05pm
Year 5: It-Tlieta u l-Ħamis mis-5:45pm sas-6:20pm
Year 6 u Form 1: It-Tnejn u l-Ġimgħa mis-5:45pm sas-6:20pm
Form 2 u 3: It-Tlieta mis-5:45pm sas-6:20pm
Form 4: Il-Ħamis mis-5:45pm sas-6:20pm

**AVVIŻI:**
**FLOW #4:** Iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ser jorganizza attività ta' water games għall-istudenti kollha li kienu Form 1 u Form 2 fis-sena skolastika li għaddiet, nhar it-Tlieta 29 ta' Awwissu. L-attività tibda fil-5pm u tispiċċa għas-7:30pm. Importanti li jiġu bil-malja minn taħt u b'tibdila żejda. Se jkun hemm snacks u drinks b'xejn għal kull min jattendi.

**GĦAJNUNA:** koppja anzjana min-Nadur qed titlob l-għajnuna ta' helper. Jekk hawn xi ħadd li joffri ruħu biex jgħin għal dan ix-xogħol bi ħlas, lill-Arċipriet.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am